MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2014

Citazzjoni Numru. 1127/2009

**Norse Management International (Malta)**
**Limited (C44791)**

**VS**

**Gemma Cassar (I.D. 73186M),**
**Johannes Dahlback (Passaport Svediz 45580320)**
**u Bernice Caruana (I.D. 36191M)**
**u zewgha Carmelo Caruana (I.D. 751545M)**
**ghal kull interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti :**

Rat l-att tar-rikors promotur tas-socjeta rikorrenti tat-18 ta'Novembru 2009, illi jaqra hekk:

1. *"Illi l-intimata Gemma Cassar kienet ghal xi zmien fdata mis-socjeta' rikorrenti biex tiehu hsieb l-amministrazzjoni u l-finanzi tas-socjeta' rikorrenti;*

2. *Illi matul dan iz-zmien, l-amministrazzjoni tal-fondi appartenenti lis-socjeta' esponenti kienu wkoll amministrati mill-imsemmija intimata Gemma Cassar, u wara illi hija waqqfet tiehu hsieb din l-amministrazzjoni, irrizulta lis-socjeta' rikorrenti illi l-intimata Gemma Cassar, bl-ghajnuna u l-partecipazzjoni tal-ko-intimati l-ohra, mhux biss amministrat hazin l-istess fondi tas-socjeta' rikorrenti, izda sahansitra approprijaw ruhhom indebitament minn flus is-socjeta' rikorrenti, qarrqu bl-istess socjeta' rikorrenti u minghajr il-kunsens tar-rapprezentanti taghha, zammu ghandhom u/jew dawru ghalihom flus li kienu jappartjenu lis-socjeta' rikorrenti u/jew akkwistaw oggetti ghall-uzu taghhom bi flus is-socjeta' rikorrenti, kollox minghajr il-kunsens jew l-awtorizzazzjoni ta' l-istess socjeta' rikorrenti u ghad-dannu ta' l-istess socjeta' rikorrenti fl-ammont komplessiv ta' tliet mija u dsatax-il elf, mitejn u hames Ewro u hamsa u erbghin centezmu (€319,205.45);*

3. *Illi s-socjeta' esponenti skopriet dan gimghat wara li sehhu l-atti ta' misappropriazzjoni u l-atti ta' malamministrazzjoni tal-fondi taghha stess mill-intimati, meta kienu qed jigu rrikonciljati d-dokumenti, inkluz dokumenti bankarji, invoices u ricevuti – u kien hemm numru ta' transazzjonijiet li kienu unaccounted for jew li ma kienux qed jirrikonciljaw jew li kien irrizulta illi l-fondi tas-socjeta' rikorrenti intuzaw mill-intimati kollha jew min minnhom ghall-iskopijiet u l-gwadann taghhom personali, u dan minghajr ebda awtorizazzjoni jew kunsens mill-istess socjeta' rikorrenti;*

4. *Illi s-socjeta' rikorrenti kellha wkoll tinkorri ammont ta' spejjez professjonali sabiex tasal biex taghmel ir-reconciliations taghha u tiskopri l-malamministrazzjoni u l-misapproprjazzjoni li ghamlet principalment l-intimata Gemma Cassar, ukoll sabiex kien ikkonfermat, kollox kif ser jigi ppruvat ahjar fil-kors ta' dawn il-proceduri, illi l-ko-intimati l-ohra kienu komplici maghha, ppartecipaw maghha u agixxew maghha sabiex gew malamministrati u misapproprijati l-fondi hawn fuq imsemmija tas-socjeta' rikorrenti, ghad-dannu tal-istess socjeta' rikorrenti, fl-ammont ta' tliet mija u dsatax-il elf, mitejn u hames Ewro u hamsa u erbghin centezmu (€319,205.45), ghal gwadann personali taghhom minghajr ebda jedd, awtorizazzjoni jew kunsens mis-socjeta' rikorrenti li taghha huma l-fondi malamministrati u misapproprijati;*

5. *Illi ghad li s-socjeta' esponenti ipprezentat mandati kawtelatorji kontra l-intimati flimkien u in solidum bejniethom, sabiex ihallsu lura l-kreditu dovut, dawn baqghu inadempjenti.*

**Ghaldaqstant**, *is-socjeta' rikorrenti ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, qedgha bir-risptett titlob lil din l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tiddikjara u tiddeciedi li l-intimati jew min minnhom, huwa responsabbli lejn is-socjeta' rikorrenti, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, fl-ammont ta' tliet mija u dsatax-il elf, mitejn u hames Ewro u hamsa u erbghin centezmu (€319,295.45) jew somma ohra verjuri li tista' tirrizulta fil-kors tal-proceduri;*

2. *Tikkundanna, in linea mal-ewwel talba, lill-intimati jew min minnhom, ihallsu l-ammont ta' tliet mija u dsatax-il elf, mitejn u hames Ewro u hamsa u erbghin centezmu (€319,295.45) jew somma ohra verjuri li tista' tirrizulta fil-kors tal-proceduri;*

3. *Tillikwida d-danni u l-ispejjez kollha li garrbet u nkorriet is-socjeta' rikorrenti htija tal-amministrazzjoni hazina u l-misapproprjazzjoni tal-intimati, inkluz l-ispejjez kollha minnha relatati sabiex gew rikonciljati l-finanzi u skoperti l-flejjes li gew malamministrati u misapproprjati, occorrendo jekk necessarju, bl-opera ta' perit nominandi;*

4. *Tiddikjara illi l-intimati jew minn minnhom huma responsabbli ghall-hlas tad-danni hekk likwidati ai termini tat-tielet talba;*

5. *Tikkundanna lill-intimati jew minn minnhom, sabiex ihallsu lis-socjeta' rikorrenti d-danni hekk likwidati in linea mat-tielet u r-raba' talba hawn maghmula.*

*Bl-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru u tal-mandat ta' qbid intavolati fid-29 ta' Ottubru 2009 u tal-mandat ta' inibizzjoni intavolat kontestwalment ma' dan ir-rikors u bl-imghax kontra l-intimati li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni u bir-rizerva ghal kull azzjoni ohra spettanti lis-socjeta' rikorrenti."*

Rat li l-atti tar-rikors promotur d-digiret u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-intimati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti Gemma Cassar, Johannes Dahlback, Bernice Caruana u zewgha Carmelo Caruana ghal kull interess li jista' jkollu tad-9 ta'Dicembru 2009 (a fol.18 et seq) li taqra hekk:

1. *"Illi fl-ewwel lok David Griscti (I.D. 465869M) ghandu jaghti prova tal-mandat tieghu biex jirraprezenta lis-socjeta' attrici f'dawn il-proceduri u sabiex jahlef ir-rikors guramentat ghan-nom tal-istess ;*

2. *Illi s-socjeta' attrici ghandha tiddikjara fuq liema artikolu/i tal-ligi qieghda tikkampa l-pretensjonijiet taghha;*

3. *Illi, fil-mertu, u bla ebda pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;*

4. *Illi f'kull kaz hija s-socjeta' attrici illi trid tipprova t-talbiet taghha kif u fl-ammonti minnha dedotti;*

5. *Illi l-konvenuti Carmelo Caruana u Bernice Caruana certament li ma kellhom x'jaqsmu assolutament xejn mal-malamministrazzjoni tal-fondi u l-finanzi appartenenti lis-socjeta' attrici u certament ma kienux kompartecipi jew komplici f'ebda ezercizzju ta' misapproprjazzjoni jew qerq ghad-dannu tas-socjeta' attrici, u dan kif se jigi ampjament pruvat waqt it-trattazjoni tal-kawza;*

6. *Illi ghaldaqstant l-istess konvenuti Carmelo Caruana u Bernice Caruana li fil-konfront taghhom inhargu mandati kawtelatorji inutilment u abbuzivament qeghdin izommu fermi u jirrizervaw id-drittijiet taghhom kollha skond il-ligi fil-konfront tal-istess socjeta' attrici.*

7. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri li jistghhu talvolta jkunu permessibbli skond il-ligi."*

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament presduta tal-14 ta'Jannar 2010 (a fol. 21) illi bih gie il-Qorti innominat lil Dr. Ian Vella Galea bhala Perit Legali;

Rat ir-rapport prezentat mill-Perit Legali Dr. Ian Vella Galea fis-19 ta'Settembru 2013 u minnu mahluf fit-2 t'Ottubru 2013 (a fol. 78 et seq.);

Rat d-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

**Jan Petter Roed**, prodott mis-socjeta' rikorrenti fl-affidavit tieghu a fol 33 et seq., xehed li l-intimata Gemma Cassar kienet bdiet tahdem mas-socjeta' rikorrenti lejn l-ahhar ta' Settembru tas-sena 2008 u r-rwol taghha kien jinkludi, *inter alia*, il-hlas ta' kontijiet, *payroll*, u li tiehu hsieb it-tlestija ta' tlett appartamenti f'Ta' Xbiex, fosthom il-*furnishings* tal-istess, (liema *furnishings* kienu hafna minnhom gia lesti u mhallsa), u affarijiet elettrici u tal-kcina. Ix-xhud spjega li hu kien barra minn Malta minn Jannar sa Mejju tas-sena 2009 u l-progress fuq l-appartamenti kien miexi bil-mod hafna. Roed kien rega' gie Malta fit-12 ta' Settembru 2009 u ftit jiem wara kien ircieva *email* minghand Gemma Cassar fejn infurmatu li kienet qed tirrizenja u li kienet se tkun imsiefra ghal erbatax-il gurnata, pero' ftit wara sar jaf li fil-fatt kienet Malta u li sabet xoghol iehor. Sussegwentement indunaw li kien hemm xi problemi bil-*cash flow* tas-socjeta' rikorrenti u ghalhekk Sarah Jacobsen, impjegata mas-socjeta' rikorrenti, giet mitluba sabiex tinvestiga. Roed xhed li, ghalkemm fdawha, l-intimata Cassar misappproprijat fondi appartenenti lis-socjeta' rikorrenti ghal beneficcju taghha u membri tal-familja taghha. Roed spjega li l-intimati Bernice u Carmelo Caruana qatt ma kienu impjegati mas-socjeta' rikorrenti u li l-azzjoni odjerna ittiehdet fil-konfront taghhom ukoll, in kwantu gie moghti parir legali f'dan is-sens in vista tal-fatt li gew msarfa xi *cheques* da parte ta' Bernice Caruana meta din ma kellhiex access ghac-*cheques* tas-socjeta' rikorrenti u lill-intimati Caruana ma kienux dovuti xi flus la mis-socjeta' rikorrenti u anqas minnu personalment.

**Florence Alison Kerr**, a fol. 36 et seq. prodotta mis-socjeta' rikorrenti, xehedet li kienet tat struzzjonijiet lill-intimata Gemma Cassar sabiex tixtri ghamara gia maghzula u tikkonsenja l-istess, f'zewg appartamenti f'Ta' Xbiex. L-intimata Cassar kienet ukoll giet inkarigata sabiex thallas lill-Perit u xi nies ohra relattivament ghal xoghol maghmul fuq l-istess appartamenti. Kerr spjegat li l-intimata Cassar ma giet moghtija l-ebda poter sabiex takkwista oggetti ohra, sakemm mhux bl-awtorizazzjoni tas-socjeta' rikorrenti. Kerr ikkonfermat li f'Settembru 2009 Gemma Cassar baghtet *email*, permezz ta' liema itterminat l-impjieg taghha mas-socjeta' rikorrenti u li sussegwentement Sarah Jacobsen giet moghtija l-inkarigu li tinvestiga kif intefqu l-flus tas-socjeta' rikorrenti mill-intimata Cassar.

**Sarah Jacobsen** fl-affidavit taghha a fol. 38 et seq., xehedet li giet impjegata mas-socjeta' rikorrenti fis-26 ta' Settembru 2009 u li giet moghtija struzzjonijiet mid-diretturi tal-istess, sabiex tivverifika l-ispejjez tas-socjeta' rikorrenti minn Settembru 2008 sas-26 ta' Settembru 2009 u cioe' il-perijodu illi fih kienet impjegata l-intimata Cassar mas-socjeta' rikorrenti. Jacobsen spjegat li l-ewwel *cheque book* tas-socjeta rikorrenti nhareg f'Settembru 2008 u l-intimata Cassar kienet firmatarja ghal *cheques* f'ammonti ta' mhux aktar minn ghaxar t'elef Ewro (€10,000). **Jacobsen spjegat li mill-informazzjoni kollha a disposizzjoni taghha, fosthom *invoices* u ircevuti, hejjiet *spreadsheet* spjegattiva tal-hlasijiet kollha maghmula mill-intimata Cassar (Dok. A a fol. 5 sa 12 tal-process), li minnha jirrizulta li saru, fost l-ohrajn, hlasijiet favur hwienet tal-hwejjeg, kemm tal-kbar u anke taz-zghar, hwienet tal-ghamara u tal-pjanti u li xi whud mill-*invoices* kellhom l-indirizz personali tal-intimata Cassar bhala *delivery address*.** Jacobsen spjegat li d-diretturi tas-socjeta' rikorrenti ma kienux taw struzzjonijiet sabiex jinxtraw dawn l-affarijiet u li dawn ma inxtrawx ghas-socjeta' rikorrenti. Hija ghalhekk kienet **ordnat kopja tac-*cheques*** li nhargu u spjegat li minn dawn il-kopji **rrizulta li hafna minnhom inhargu 'pay cash'** u gew imsarfa mill-intimata Cassar jew mill-intimat Johannes Dahlback u xi whud gew imsarfa wkoll mill-intimata Bernice Caruana.

Jacobsen esebiet lista spjegattiva tac-*cheques* kollha li nhargu mill-intimata Cassar (Dok. SJ9) li jammontaw ghas-somma ta' €319,205.45 u li taqbel mal-lista Dok. A a fol. 5 tal-process. Kopji tal-parti l-kbira tac-*cheques* mahruga kif rizultanti minn din il-lista gew esebiti mis-socjeta' rikorrenti. **Jirrizulta li dawn ic-cheques huma kollha iffirmati mill-intimata Cassar.**

Il-Qorti rat u ezaminat sensiela ta' numru konsiderevoli ta'rapprezentanti tad-diversi hwienet, stabbilimenti u kumpaniji li favur taghhom inhargu *cheques* tas-socjeta' rikorrenti mill-intimata Cassar. Dawn ix-xhieda taw spjegazzjoni tan-natura tas-servizz jew tal-prodott ipprovdut relattivament ghall-ammont imhallas lilhom b'cheque tas-socjeta' rikorrenti mahrug mill-intimata Cassar.

**Giet esebita wkoll kopja legali ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar it-23 ta' Gunju 2010 fl-ismijiet *The Police vs Gemma Cassar & Johannes Dahlback* (Dok. X) a fol. 263,** li minnha ma kienx hemm appell, **permezz ta' liema l-intimati Gemma Cassar u Johannes Dahlback gew misjuba hatja, fuq ammissjoni taghhom stess, li misapproprijaw favur taghhom flus appartenenti lis-socjeta' rikorrenti u gew ordnati wkoll ihallsu lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' tlett mija u tmien t'elef Ewro (€308,000). Gie ddikjarat mill-partijiet f'din il-kawza li ma ttiehdu l-ebda proceduri kriminali fil-konfront tal-intimati Caruana.**

L-intimata **Bernice Caruana** a fol. 71 xehedet li l-intimata Gemma Cassar hija bintha u li l-intimat Johannes Dahlback huwa l-*partner* tal-istess Gemma Cassar. L-intimata Caruana spjegat li bintha Gemma Cassar kienet tistaqsija sabiex issarraf xi *cheques* li kienet taghtiha u Caruana kienet issarrafhom l-HSBC fil-fergha ta' Hal Balzan. Caruana kienet tghaddilha l-flus fl-ufficju tas-socjeta' rikorrenti fejn kienet tahdem Cassar**. Ic-*cheques* kienu kollha pagabbli 'cash'**. Caruana spjegat li bintha kienet tghidilha li ma setghatx titlaq mill-ufficju sabiex issarraf ic-*cheques* ghax kellha x'taghmel u ghalhekk Caruana kienet tmur issarrafhom hi. Caruana qalet li qatt ma staqsiet fir-rigward tac-*cheques* **u qatt ma hasbet f'xi haga hazina sakemm giet msejjha mill-Pulizija sabiex jinterrogawha**. Il-Pulizija hadu azzjoni fil-konfront ta' Cassar pero' mhux fil-konfront ta' Caruana. Caruana gharfet il-firma taghha fuq in-naha ta' wara tac-*cheques* kollha mmarkati bhala Dok. BC1 sa BC9.

L-intimat **Carmel Caruana** xehed a fol. 70 et seq. li hu r-ragel tal-intimata Bernice Caruana u li l-intimata Cassar hija t-tifla tal-mara tieghu. Caruana xehed li martu qaltlu li kienet issarraf ic-*cheques* ghal Cassar u tghaddi l-flus lil Cassar fl-ufficju tas-socjeta' rikorrenti. Caruana spjega li hu u martu qatt ma ssuspettaw xejn f'dan ir-rigward sakemm il-Pulizija bghatu ghal martu**. Caruana xehed li martu qatt ma gabet il-flus id-dar izda kienet tghaddihom lil Cassar.**

In kwantu ghall konkluzjonjiet peritali, Il-Qorti taghmel referenza ghall-insenjament ta' dawn il-Qrati:

> *"kif pacifikament assodat f'bosta decizjonjiet il-konkluzjonijiet peritali huma bhal materjali istruttorji ohrajn kontrolabbli mill-gudikant, tant li kif jinghad fl-Artikoli 681, Kapitolu 12, il-Qorti mhux marbuta li taccetta dawn il-konkluzjonijiet kontra l-konvinzjoni taghha nfisha . Gie deciz, izda, illi* ***"dan ma jfissirx pero' illi l-Qorti tista' taghmlu b'mod legger jew kappriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunjiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjonijiet ta' l-aspett tekniku tal-materja taht ezami" ("Philip Grima -vs-Carmelo Mamo et nomine",*** *Appell 29 ta' Mejju 1998).* ***"Jigifieri l-Qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta' tali relazzjoni ma kienitx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero' kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku." ("Anthony Cauchi -vs- Carmel sive Charles Mercieca."*** *Appell 6 t'Ottubru 1999;* ***"John Saliba –vs-Joseph Farrugia",*** *Appell, 19 ta' Novembru 2001);"*

Il-Qorti tikkondividi mal-konkluzjonijiet raggunti mill-perit legali Dr. Ian Vella Galea, taddotthom u taghmilhom taghha u ma jirrizulta ebda raguni impellanti li tikkonvinci lil din il-Qorti titbieghed mir-rizultanzi raggunti.

**Ikkonsidrat:**

Permezz tal-kawza odjerna s-socjeta rikorrenti qed titlob il-hlas lura minghand l-intimati tal-ammont ta' €319,295.45 in kwantu flus allegatament misapproprijati mill-intimati a dannu tal-istess socjeta' rikorrenti, flimkien mal-hlas ta' dawk id-danni u spejjez kollha sofferti mis-socjeta' rikorrenti b'rizultat tal-istess misapproprijazzjoni u amministrazzjoni hazina da parte tal-intimati, jew min minnhom.

Illi f'dan ir-rigward l-intimati eccepew, fl-ewwel lok, li David Griscti u cioe' l-persuna li halfet ir-rikors guramentat, kellu jaghti prova tal-mandat tieghu biex jirrapprezenta lis-socjeta' attrici f'dawn il-proceduri u sabiex jahlef ir-rikors guramentat ghan-nom tal-istess.

Illi fir-rigward ta' din l-eccezzjoni jinghad fl-ewwel lok li l-imsemmi David Griscti ma irrapprezentax lis-socjeta' rikorrenti tul il-proceduri odjerni, fis-sens li qatt ma deher in rapprezentanza tal-istess u ma tax ix-xhieda tieghu f'din il-kawza. Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi sorvolata f'dan ir-rigward. Tibqa' l-kwistjoni mressqa f'din l-ewwel eccezzjoni fir-rigward tal-fatt li l-imsemmi David Gristci halef ir-rikors guramentat ghan-nom tas-socjeta' rikorrenti u l-intimati qeghdin jitolbu prova tal-awtorizazzjoni moghtija sabiex jahlef ir-rikors guramentat.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Josephine Saliba vs Joseph u Sylvana Fino** deciza 30 ta' April 2012, Imhallef J. Zammit McKeon irritiena:

> ***"Fil-kawza "Vella vs Cefai" (Appell Civili – 4 ta` Novembru 1991 – Vol.LXXV.II.467) il-Qorti tal-Appell kienet irriteniet illi meta f`citazzjoni jkun hemm vjolazzjoni tal-forma in kontravvenzjoni tal-Art.156(1)(a) tal-Kap.12, eccezzjoni tan-nullita` tista` tigi milqugha biss kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun giebet lill-parti li titlob in-nullita' pregudizzju illi ma jistax jissewwa xort`ohra hlief billi l-att jigi annullat. Inoltre l-Qorti kompliet tafferma li f`dawk il-kazi huwa dejjem opportun li l-Qorti, kemm jista` jkun ghall-pratticita` u sabiex tigi evitata moltiplikazzjoni ta` kawzi u spejjez zejda, ghandha kemm jista` jkun issalva atti gudizzjarji, u ghalhekk att ta` citazzjoni ghandu jigi mwaqqa` u annullat biss ghal ragunijiet gravi. In-nullita` ta` l-atti gudizzjarji hija sanzjoni estrema li l-ligi trid li tigi mposta biss meta n-nuqqas – formali jew sostanzjali – fl-att ma jistax assolutament jigi tollerat minghajr hsara ghal xi principju ta` gustizzja procedurali."***

Illi permezz tal-eccezzjoni odjerna m'hix qed tintalab in-nullita tar-rikors guramentat u fi kwalunkwe kaz il-prova mitluba mill-intimati certament li mhix rikjesta ai termini tal-Artikolu 156 tal-Kap. 12 u ghalhekk jirrizulta li r-rikors guramentat gie validament intavolat.

Il-fatt *per se* li l-imsemmi David Griscti deher ghan-nom tas-socjeta' rikorrenti u halef ir-rikors guramentat hija prova fiha nnifisha tal-fatt li kien awtorizzat li jaghmel hekk, specjalment fin-nuqqas ta' provi kuntrarji li jimminaw dan il-fatt. Jirrizulta in oltre li tul il-mori tal-kawza xehedu diversi rapprezentanti tas-socjeta' rikorrenti li mhux biss ma ikkontestawx dak mahluf mill-imsemmi David Griscti, **izda ikkonfermaw dak kontenut fir-rikors guramentat.**

Il-Qorti ghalhekk tichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimati.

Fit-tieni eccezzjoni taghhom l-intimati eccepew li s-socjeta' rikorrenti ghandha tiddikjara fuq liema artikolu jew artikoli tal-ligi qieghda tikkampa l-pretensjonijiet taghha fil-konfront taghhom. Ghal darba ohra, permezz ta' din l-eccezzjoni mhix qed tintalab in-nullita' tar-rikors guramentat u fi kwalunkwe kaz l-artikolu 156 tal-Kap. 12 ma jirrikjedix *ad validitatem* dikjarazzjoni fir-rikors guramentat ta' dak l-artikolu jew artikoli tal-ligi a bazi ta' liema tkun qed titressaq l-istess procedura.

Il-Qorti ghalhekk tichad it-tieni eccezzjoni.

Illi t-tielet u r-raba' eccezzjonijiet tal-intimati jolqtu l-mertu tal-kawza odjerna in kwantu permezz taghhom l-intimati eccepew li t-talbiet rikorrenti kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt u li l-oneru tal-prova fir-rigward tat-talbiet rikorrenti jinkombi fuq is-socjeta' rikorrenti.

Illi mill-provi kollha prodotti jirrizulta li l-intimata Gemma Cassar giet fdata bil-fondi tas-socjeta' rikorrenti sabiex jintuzaw ghall-iskopijiet tal-istess socjeta' rikorrenti pero', cio nonostante, l-intimata Cassar uzat l-istess fondi ghall-iskopijiet personali taghha u tas-sieheb taghha l-intimat Johannes Dahlback. F'dan ir-rigward giet esebita kopja legali ta' sentenza moghtija fil-konfront tal-intimati Cassar u Dahlback mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar it-23 ta' Gunju 2010 li permezz taghha l-intimati Cassar u Dahlback **gew misjuba hatja, fuq ammissjoni taghhom stess,** li misapproprijaw favur taghhom flus appartenenti lis-socjeta' rikorrenti **fl-ammont ta' €308,000**.

Mid-dokumenti mmarkati bhala Dok. A mar-rikors guramentat u Dok. SJ9, esebit minn Sarah Jacobsen in rapprezentanza tas-socjeta' rikorrenti, jirrizulta li c-*cheques* kollha mahruga mill-

intimata Cassar minghajr l-awtorizazzjoni tas-socjeta' rikorrenti jammontaw ghas-somma ta' €319,205.45, li jirrifletti l-ammont kif mitlub fil-kawza odjerna permezz tal-ewwel u t-tieni talba rikorrenti. F'dan ir-rigward is-socjeta' rikorrenti ressqet ukoll bhala prova kopja tal-parti l-kbira tac-*cheques* mnizzla fil-listi Dok. A u Dok. SJ9 minn fejn jirrizulta li dawn ic-*cheques* nhargu kollha mill-intimata Cassar u gew iffirmati minnha. Parti sostanzjali minnhom **inhargu 'pay cash' u issarfu mill-intimat Dahlback filwaqt li l-bqija nhargu sabiex inxtraw diversi oggetti li ma kienux ghal beneficcju tas-socjeta' rikorrenti izda kienu ghal gwadann tal-intimata Cassar, il-habib taghha l-intimat Dahlback u t-tfal tal-istess Cassar**.
Illi rinfaccjati b'korp ta'provi massicca kif inhu fil-kaz in ezami l-intimati Cassar u Dahlback naqqsu ad dirittura illi jressqu kwalunkwe prova kuntrarja biex b'ximod jipprovaw ixejnu il-provi tas-socjeta' rikorrenti. Ghalhekk l-ewwel u t-tieni talbiet rikorrenti fil-konfront tal-intimati Gemma Cassar u Johannes Dahlback jirrizultaw ippruvati sodisfacentement fuq preponderanza ta' probabilta' kif rikjest fil-kamp tad-dritt civili.

Illi permezz tat-tielet, ir-raba u l-hames talbiet taghha, s-socjeta' rikorrenti talbet il-likwidazzjoni u l-hlas ta' dawk id-danni u l-ispejjez kollha minnha sofferti b'rizultat tal-amministrazzjoni hazina u l-misapproprjazzjoni tal-intimati.

Din il-Qorti wara li ezaminat bir-reqqa ix-xhieda kollha prodotta taghraf illi s-socjeta'rikorrenti ma ressqet ebda prova ad dirittura ta' xi quantum ta' danni minnha sofferti, sabiex b'xi mod tissostanza it-talbiet taghha f'dan ir-rigward.

Ghaldaqstant il-Qorti tichad it-talbiet numerati tlieta, erbgha u hamsa.

Illi permezz tal-hames eccezzjoni taghhom l-intimati eccepew illi Carmelo u Bernice Caruana ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-malamministrazzjoni tal-fondi u l-finanzi appartenenti lis-socjeta' rikorrenti u li ma kienux kompartecipi jew komplici f'ebda ezercizzju ta' misapproprjazzjoni jew qerq ghad-dannu tas-socjeta' rikorrenti.

F'dan ir-rigward jirrizulta li l-intimati Caruana qatt ma kienu impjegati mas-socjeta' rikorrenti u qatt ma gew fdati jew moghtija xi poter mis-socjeta' rikorrenti sabiex jiggestixxu xi fondi taghha**. Jirrizulta wkoll li, kuntrarjament ghall-intimati l-ohra, ma ttiehdu l-ebda proceduri kriminali fil-konfront taghhom.**

Il-Qorti wara li gharblet il-provi prodotti taghraf illi **ma jirrizulta ebda prova li turi l-involviment tal-intimat Carmelo Caruana fil-kawza odjerna.**

Illi fir-rigward tal-intimata Bernice Caruana jirrizulta mill-provi prodotti li din sarfet diversi cheques tas-socjeta' rikorrenti mahruga 'pay cash' mill-intimata Cassar fl-ammont komplessiv ta' €7,913.42. Jirrizulta li dawn ic-*cheques* gew moghtija lil Bernice Caruana mill-intimata Cassar u li Caruana sarfithom fuq struzzjonijiet ta' Cassar. Jirrizulta wkoll li **l-flus inghataw mill-ewwel minn Bernice Caruana lill-intimata Cassar** u ghalhekk ma jirrizultax li Caruana zammet xi flus appartenenti lis-socjeta' rikorrenti. Caruana xehedet ukoll li ma kellha l-ebda suspett fl-agir ta' bintha fir-rigward tal-fondi tas-socjeta' rikorrenti.

Fil-kawza fl-ismijiet **Lawrence Cauchi et vs Dr Patrick Spiteri et** deciz fil-11 ta' Novembru 2011 inghad mill-Qorti tal-Appell illi:

> ***"Fil-kamp civili l-gudikant ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex u mhux fuq semplici possibiltajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabiltajiet. Dak li hu necessarju hu jekk spjegazzjoni hix verosimili."***

Illi mill-provi kollha prodotti ma jirrizultax li l-intimati Carmelo u Bernice Caruana approprijaw favur taghhom flus appartenenti lis-socjeta' rikorrenti jew li b'xi mod ghenu jew ippartecipaw fil-misapproprijazzjoni da parte tal-intimati Cassar u Dahlback.

Ghalhekk il-Qorti tilqa' il-hames eccezzjoni tal-intimati.

Illi fir-rigward tas-sitt eccezzjoni tal-intimati, aktar milli eccezzjoni, din hija riserva tad-drittijiet tal-intimati Caruana fil-konfront tas-socjeta' rikorrenti u **ghalhekk l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha**.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet tal-intimati, tichad it-tielet u r-raba eccezzjonijiet tal-intimati Gemma Cassr u Johannes

Dahlback fir-rigward tal-ewwel zewg talbiet tas-socjeta' rikorrenti, tilqa' in parte t-tielet u r-raba eccezzjonijiet relattivament ghat-tielet, r-raba' u l-hames talbiet tas-socjeta' rikorrenti, tilqa' l-hames eccezzjoni u konsegwentement tilqa' l-ewwel u t-tieni talba tas-socjeta' rikorrenti waqt li tichad it-tielet, ir-raba u l-hames talba taghha u:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-intimati Gemma Cassar u Johannes Dahlback huma responsabbli lejn is-socjeta' rikorrenti fl-ammont ta' tliet mija u dsatax-il elf, mitejn u hames Ewro u hamsa u erbghin centezmu (€319,205.45); u

2. Tikkundanna lill-intimati Gemma Cassar u Johannes Dahlback ihallsu l-ammont ta' tliet mija u dsatax-il elf, mitejn u hames Ewro u hamsa u erbghin centezmu (€319,205.45) lis-socjeta' rikorrenti.

Bl-ispejjez kollha kif mitluba, a karigu tal-intimati Gemma Cassar u Johannes Dahlback, bl-imghax kontra l-istess intimati Gemma Cassar u Johannes Dahlback mid-data ta' din s-sentenza.

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------